MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Numru 446/2000

**Il-Pulizija**
(Supretendent Neil Harrison)
**vs**

**Joseph Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi; Joseph Spiteri ta` 41 sena, iben Carmelo u Maria Anna nee Barbara, imwieled Zejtun fl-14 ta Ottubru 1962, joqghod, St. Michael`s Flats, no 3, Mensija road, San Gwann u detentur ta karta tal-identita numru 668562M.

A: Talli f`dawn il-Gzejjer fil-lejl ta bejn 12 u 13 ta` Gunju 2000 u fl-ahhar gimghat qabel dina d-data kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta` Malta, meta ma kienx fil-pussess ta`

awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort`ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b`xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta` Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta, liema droga nstabet f`tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklusiv tieghu.

b: Kellek ukoll fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi, kap. 101 tal-ligijiet ta` Malta meta ma kienx fil-pussess ta awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort`ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b`xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta` Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kap. 101 tal-ligijiet ta` Malta, liema droga nstabet f`tali cirkostanzi li juru li ma kienx ghall-uzu tieghu.

C: Talli ukoll kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (Ecstasy), meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolamenti 5 (1) tal-avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentament ammendat u 40A u 120A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar ul-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x`jaqsmu maghha, kap.31 tal-ligijiet ta` Malta, u l-artiklu 16 tal-att V tal-1985 kif ammendat, liema droga nstabet f`tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

D: Talli ukoll minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew irciva minghand xi persuna/i jew kellek fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti ta` flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti kienu falsifikati u cioe zewg karti ta Lm10 skond l-artikolu 46 tal-kap 204 tal-ligijiet ta` Malta.
E: Talli ukoll sar recidiv b`sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta` Frar 1996, u sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta` Malta (Awla 10), fil-15 ta` Frar 1995.

Il-Qorti,
Semghet ix-xhieda bil-gurament,
Rat l-atti u d-dokumenti kollha
Ikkunsidrat
1. L-akkuzat jammetti li meta gie arrestat mill-Pulizija kellu disgha punt tlieta sitta (9.36) grammi kokaina, ftit aktar minn nofs gramma eroina u hmistax il-pillola (15) ecstasy. Il-prosekuzzjoni issostni li d-droga ma kienetx ghall-uzu tieghu waqt li d-difiza issostni li d-droga kienet ghall-uzu personali ta` l-akkuzat.
2. Il-Pulizija kellha taghrif dwar l-akkuzat u fil-lejl ta` bejn it-12 u it-13 ta` Gunju 2000 meta dan kien diehel id-dar il-Pulizija ghamlet tfittxija fuqu. Fuq in-naha ta` fuq ta` idu x-xellugija sabu boroz bit-trab kannella, trab abjad u pilloli li wara rrizulta li kienu ecstasy. Instabet siringa uzata li kien fiha likwidu. Meta dahlu fid-dar tieghu sabu aktar seringi u mizien elettroniku zghir.
3. Fuq il-persuna tieghu instabu zewg karti ta` ghaxar liri li skond l-espert Ivan Formosa huma foloz. Instabu ukoll mija u disghin lira u mobile phone. Instabu ukoll fid-dar hames mija u hames liri Maltija (Lm505) u mikroskopju. Il-Prosekuzzjoni tallega li dak li nstab juri traffikar tad-droga.
4. Fuq l-akkuzat instabu tlett sustanzi differenti, instabet ecstasy fi kwantita mhux zghira. L-akkuzat ma jistax jitwemmen li f`jumejn, tlieta kien ser jikkonsma s-sustanzi kollha. Ma jahdimx imma qed jixtri sustanzi li jqumu u fid-dar instabu certu ammont ta` flus. Il-Qorti qed tghid li fic-cirkustanzi fuq imsemmija d-droga ma kienetx ghal uzu eskluziv tieghu u mhux li l-akkuzat qed jittrafika d-droga. Dan qed jinghad billi fin-naha ta` sottomissjonijiet ta` l-akkuzat tissema l-kelma traffikar. Il-

Qorti hija zgura li s-sustanzi ma kienux ghall-uzu eskluziv ta` l-akkuzat.
5. Mir-relazzjoni u mix-xhieda ta` Ivan Formosa, espert forensiku jirrizulta li l-akkuzat kellu fil-pussess tieghu zewg karti ta` ghaxar liri Maltin foloz izda ma ngabet l-ebda prova li l-akkuzat kien jaf li huma foloz.
6. Jirrizulta li l-akkuzat hu recediv. Gew esebiti skond il-ligi zewg sentenzi moghtija minn l-Onorabli Qorti ta` l-Appell tat-13 ta` Frar 1996 u tad-9 ta` April 1999

Issibu hati ta` l-akkuzi migjuba kontrih barra tar-reat kontemplat fl-46 tal-kap 204 u hekk tilliberah minn din l-akkuza.
Rat l-artikoli 120A (2) (b) (i) tal-kap 31, l-artikoli 22 (2) (b) (i) tal-kap 101, l-artikoli 49 u 50 u17

Tikkundanna lil akkuzat tlett (3) snin prigunerija u multa ta` tlett mitt lira (Lm300) li ghandha tithallas fi zmien tlett (3) xhur m`illum u f`nuqqas tinbidel fi pruginerija. Mill-imsemmija piena ta` prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv. Il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta` l-esebiti (droga u flus) u ghal dan il-ghan tahtar lill-ispizjar Mario Mifsud kif ukoll il-konfiska ta` l-esebiti l-ohra a favur tal-Gvern ta` Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------